Ħbieb il-Kappelli Maltin

# GĦAQDA ĦBIEB IL-KAPPELLI MALTIN

April 2025

Ħarġa Nru 48



Ħbieb il-Kappelli Maltin

***PO Box 17, Qormi QRM 1000, Malta***
*e-mail:* ***hbiebkappellimaltin2024@gmail.com***
***Facebook: Hbieb il-Kappelli Maltin***

# EDITORJAL

**Kumitat 2024-2025**

**President**
Miriam Schembri

**Viċi-President**
Norbert Gingell

**Segretarju**
Adrian Schinas

**Teżorier**
Angele Xuereb

**Relazzjonijiet Pubbliċi**
Owen Caruana

**Korrispondenza**
RoseAnn Mamo

**Membru**
Godfrey Mangion

**Fuljett**

**Ġbir ta' informazzjoni:** Norbert Gingell

**Issettjar:** Miriam Schembri

**Għal aktar tagħrif u stejjer fid-dettal dwar il-kappelli żuru s-sit**

***www.kappellimaltin.com***

Ritratt tal-faċċata:

Il-faċċata tal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ħal Muxi, Ħaż-Żebbuġ.

Ritratt: Norbert Gingell

Għeżież Membri u Ħbieb,

Deħlin fir-raba' xahar tas-sena fejn fl-ewwel tlett xhur żorna diversi kappelli fil-lokalitajiet tal-Gudja, Bormla u Ħaż-Żebbuġ. Ilkoll kienu nteressanti u ta' valur kbir ta' wirt kulturali reliġjuż li għandna f'Malta ( u Għawdex). Għal dan ix-xahar t'April il-Kumitat ħaseb biex inżuru tlett kappelli oħra, din id-darba tnejn fin-Naxxar u oħra fil-Magħtab, li tinsab fil-limiti tan-Naxxar ukoll.

Wara li fix-xhur li għaddew iċċelebrajna il-festa nazzjonali tan-Nawfraġju ta' San Pawl f'Malta (Frar) u dik ta' San Ġużepp (Marzu) issa jmiss li f'April nidħlu fiż-żmien ta' ġranet li jfakkruna fil-passjoni u qawmien mill-mewt ta' Sidna Ġesu Kristu. Dan hu perjodu sabiħ ferm kemm reliġjożament u spiritwalment kif ukoll tradizzjonalment biż-żamma ta' purċissjonijiet f'diversi lokalitajiet kemm f'Malta kif ukoll fil-gżira t'Għawdex.

Interessanti jkunu wkoll il-ħafna wirjiet li jittellgħu minn individwi personali kif ukoll minn Każini tal-Baned bi statwi li jfakkruna fil-passjoni ta' Ġesu Kristu kif ukoll ta' l-imwejjed ta' l-aħħar Ċena. Inħeġġukom sabiex tattendu kemm dawn il-wirjiet kif ukoll il-purċissjonijiet sabiex din it-tradizzjoni tibqa qawwija, u b'hekk inkunu qed napprezzaw u nħeġġu lil dawk l-individwi li b'tant sagrifiċju u dedikazzjoni jaħdmu sabiex itellgħu dawn il-wirjiet.

Fiċ-ċirkolari li rċevejtu flimkien ma' dan il-fuljett għandkom issibu l-informazzjoni kollha taż-żjara li se norganizzaw fin-Naxxar.

Narawkom ħbieb

*N. Gingell*

Għall-Kumitat



Il-membri tal-għaqda fil-kappella tal-Madonna tal-Grazzja

Niskużaw ruħna mas-sur Anthony M Brincat, li kien ġibdilna l-attenzjoni dwar il-kwadri ta' Francesco Zahra, talli f'paġna 2 ta' l-aħħar ħarġa tal-fuljett, niżżilnieh b'kunjom Bonello meta fil-fatt huwa Brincat. Żball ta' typing.

# Santa Marija ta' Ħal Muxi Ħaż-Żebbuġ



Ħarsa ġewwa lejn l-artal

Ħal Muxi kien wieħed mit-tlett irħula li minnhom ħareġ u għaqqad ir-raħal ta' Ħaż Żebbug. L-oriġini ta' dan l-irħajjel jista jkun li ġej mill-kunjom *Musci*.

Diġa kien hemm kappella qabel din li naraw llum, dik tas -seklu ħmistax. Pjanta tal-inħawi li saret fl-1691 turi li din kienet waħda rettangolari, b'zuntier quddiemha u differenti sew minn dik tal-lum. Mons Dusina żar Ħal Muxi fost ż-żjarat tiegħu u sab żewġ kappelli: dik ta' San Nikola u oħra ta' Marija Assunta. Għalkemm kien hemm devozzjoni kbira, sab il-kappella nieqsa minn ħafna affarijiet bżonnjużi biex isiru s-servizzi liturġiċi. Tletin sena wara, fiż-żjara li għamel l-Isqof Gargallo, jgħidilna li sabha fi stat ħażin ħafna. Però saru x-xogħolijiet meħtieġa għax meta żaruha kemm l-Isqof Cagliares fl-1615 kif ukoll l-Isqof Balaguer fl-1635 sabuha li qegħeda tiffunzjona normali. Maż-żmien imma, wara diversi tentattivi sabiex isir restawr, fl-1723 twaqqgħet u fuq l-istess art inbniet il-kappella li naraw illum.

Il-kappella, mibnija fuq pjanta rettangulari u msaqqfa kemm hi b'koppla li l-parti kbira tagħha hi magħluqa f'tanbur, tinsab f'wesgħa ta' bejn żewġ sqaqien. Għandha zuntier bil-balavostri mad-dawra tagħha, fejn fiż-żewġ naħat wieħed jara żewġ statwi kbar tal-ġebel, waħda ta' Maria Assunta b'idejha mgħollija l-fuq u l-oħra ta' San Filep.

B'faċċata sempliċi, il-bieb prinċipali jinsab f'inkwatru tal-ġebel u fuqu hemm fontun imqawwar. It-tieqa oculus hija kwadra u l-ħġieġ huwa forma ta' salib tal-kavallieri. Fil-frontispizju



Pjanta antika tal-kappella 1691



Il-lanterna bit-twieqi tal-ħġieġ fuq il-koppla u l-kampnar

hemm il-bażi għal żewġ stemmi li x'aktarx kienu ntiżi għall-istemma tal-Isqof li kien ta l-permess għal bini tal-kappella u oħra għal-Gran Mastru taż-żmien li nbniet. Bħal ħafna kappelli mibnija fiż-żmien ta' din il-kappella, wieħed isib żewġ twieqi fil-baxx maġenb il-bieb ewlieni. Fil-kantunieri tal-faċċata tal-kappella kif ukoll fil-ġnub, hemm pilastri stil doriċi. Fuq il-bibien tal-ġnub wieħed jara frontun dritt fuqhom u tieqa rettangolari għad-dawl naturali. Mad-dawra ta' fuq tal-kappella wieħed jara gwarniċun doppju. Il-frontispizju għandu forma triangolari, jixbaħ ħafna lil dak tal-knisja tal-Abbandunati minn naħa ta' fuq. Aktar il-fuq hemm salib latin fuq pedestal imtarraġ.

Fuq is-saqaf tal-kappella nbena dramm tal-ġebel baxx li fuqu nbniet il-koppla, li fuqha hemm lanterna bi twieqi kbar tal-ħġieġ. Il-lanterna tispiċċa nofs tond u hija maqgħuda permezz ta' tmien kustilji li għandhom burdura tal-ġebel id-dawra kollha, u tispiċċa b'salib latin fuq ballun tal-ġebel.

Minn ġewwa din il-kappella hija forma kwadra, bi ħnejjiet fil-ġnub bi twieqi fihom. Bejn il-korsija u l-presbiterju ftit li xejn hemm spazju. L-apside jibda bil-pilastri doriċi li jserħu fuq arkitrav li hemm mad-dawra tal-kappella, filwaqt li fl-apside insibu reredos barokk li fih hemm skulturati ward u anġlu fuq kull ġenb. Fuq l-artal maġġur insibu l-kwadru titulari li juri l-Madonna liebsa blu b'mantell aħmar imdawwar magħha, qedgħa fuq is-sħab u mdawwra b'diversi anġli u putttini. Fuq rasha għandha kuruna li tpoġġiet wara li saret din il-pittura.



Il-koppla

Fil-ġnub tal-artal hemm żewġ kwadri kbar, wieħed juri lil San Pawl u l-ieħor lil Sant' Antnin. Il-kwadri huma kollha xogħol l-artist Malti Rokku Buhagiar, impittra fis-sena 1775 wara li kien wasal lura mill-Italja fejn kien qed jistudja.

L-artal ewlieni huwa maħdum mill-ġebla Maltija u fil-faċċata ta' quddiem tiegħu nsibu pittura ta' San Ġużepp bil-Bambin f'idejh ġo gwarniċ ovali tal-ġebel. Is-saqaf tal-kappella huwa ċatt magħmul mix-xorok tal-qasba, bil-koppla ukoll mibnija tax-xorok li jserrħu fuq it-tmien kustilji tal-ġebel. Fil-korsija hemm żewġ niċeċ, waħda bl-istatwa ta' Santa Marija u l-oħra bl-istatwa ta' San Filep.

Il-kappella, li tinżamm fi stat tajjeb ferm, tkun imżejna sew għal festa tal-15 t'Awwissu, fejn il-ġbir li jsir matul il-kwindiċina jmur kollu għad-Dar tal-Providenza. Matul il-Ġimgħa l-Kbira jinżammu diversi attivitajiet u servizzi liturġiċi u tkun miftuħa ukoll għas-seba' visti.

*Kitba: N Gingell, Informazzjoni meħuda mill-kotba:-*
***Ħaż Żebbuġ, Storja, Memorja u Identità,***
*maħruġ mill-Kunsill Lokali ta'Ħaż Żebbuġ, 2006,*
*Editur Philip E Said.*
*u*
***Id-Devozzjozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun ta' Nofsinhar***
*Maħruġ mir-Reġjun ta' Nofsinhar, 2019*
*Kitba ta' Max Farrugia*

*Ritratti: N Gingell*



Statwa ta' San Nikola fuq iz-zuntier



Statwa tal-Madonna Assunta fuq iz-zuntier

# Il-Kappella tal-Madonna tal-Grazzja Ħaż-Żebbuġ



Il-faċċata tal-kappella tal-Madonna tal-Grazzja

Qabel il-knisja li naraw illum kien hemm oħra ddedikata għat-Tlugħ is-Sema tal-Madonna, magħrufa bħala ta' Godor. Jidher li meta fl-1575 invista din il-kappella Mons. Pietru Dusina sab li kienet tinsab fuq art ta' Angelo Attard li kien ukoll jieħu ħsiebha. Iżda meta żarha l-Isqof Baldassare Cagliares fl-1615 sabha fi stat ħażin ħafna u ipprofanaha. Bl-għajnuna tal-familja Attard reġgħet inbniet kappella oħra minflok dik li kien hemm u fl-1621 iddedikawha lill-Madonna tal-Grazzja. Għalkemm kien inbidlilha t-titular, sal-1776 xorta waħda l-festa baqgħet issir fil-15 t'Awwissu, iżda wara l-festa bdiet tiġi ċċelebrata fit-8 ta' Settembru.

Il-knisja tinsab f'wesgħa b'zuntier żgħir quddiemha li jikkumplimenta l-knisja b'fanali fuq pedestali baxxi. Fil-ġenb tal-knisja hemm statwa tal-Madonna tal-Grazzja li nħadmet fl-1843 minn Salvu Dimech minn Ħal Lija. Din ġiet maħduma minn ġebla waħda.

Il-knisja għandha faċċata sempliċi u eleganti. Il-faċċata tagħha hi nfluwenzata minn dik tal-Kunċizzjoni bid-differenza li f'Tal-Grazzja nsibu ukoll żewġ niċeċ b'tieqa bejniethom fuq il-bieb prinċipali. Fuq il-bieb hemm frontun nofs tond iserraħ fuq piż dritt. Fil-parti tal-faċċata nsibu tieqa rettangolari b'żewġ niċeċ fil-ġnub tagħha. Fil-ġnub hemm pilastru li jispiċċa fuq arkitrav wiesa' li warajh hemm



Ħarsa lejn ġewwa tal-kappella

frontispizju sabiħ ħafna b'niċċa li ġo fiha hemm statwa ta' Maria Assunta b'idejha marbuta flimkien. In-naħa ta' fuq tal-frontispizju jispiċċa forma rettangolari b'salib latin fuq boċċa tal-ġebel. Fit-truf hemm bażi tal-ġebel li fuqu hemm bħal speċi ta' piramida b'boċċa fuqha. Mal-ħajt tal-ġenb tax-xellug tal-kappella nsibu ocolus li minnu jodħol id-dawl naturali.



Il-Madonna tal-Grazzja ma' San Karlo Borromeo, Santa Katarina, San Mikiel u San Martin
*Pittur mhux magħruf*
*Kappella Madonna tal- Grazzja - Ħaż-Żebbuġ*

Din il-knisja, bħal dik tal-Kunċizzjoni u knejjes żgħar oħra, mhux mibnija fuq pjanta ċentrali. L-ispazju ta' fuq l-artal hu msaqqaf b'koppla baxxa ħafna filwaqt li l-kumplament hu msaqqaf b'arkati u x-xriek li jiffurmaw saqaf nofs tond (troll). Dan il-fatt jagħmel aktar distinzjoni bejn l-artal u l-korsija. Din il-knisja minn ġewwa għandha arkitettura sempliċi, bi ftit li xejn skultura. Fuq l-altar maġġur li hu tal-irħam, f'reredos stil barokk hemm il-kwadru titulari li juri l-Madonna tal-Grazzja bil-Bambin f'idejha u magħha jidhru San Karlu Borromeo, San Mikiel, San Martin u Santa Katarina. Mhux magħruf min pitter dan il-kwadru. Insibu wkoll kwadru ta' San Mikiel u l-Kruċifissjoni.

F'din il-knisja insibu statwa tal-Madonna bil-Bambin f'idha. Hemm żewġ statwi oħra dik ta' San Ġuda Taddew u ta' Sant'Antnin – xogħol Karlu Darmanin.


Il-koppla minn taħt wara restawr

*Kitba: Louis Fenech, bl-Informazzjoni miġbura minn diversi sorsi*

*Informazzjoni addizzjonali meħuda mill-kotba:*

***Ħaż Żebbuġ, Storja, Memorja u Identità,***
*maħruġ mill-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, 2006,*
*Editur Philip E Said.*
*u*
***Id-Devozzjozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun ta' Nofsinhar***
*Maħruġ mir-Reġjun ta' Nofsinhar, 2019*
*Kitba ta' Max Farrugia*

*Ritratti: N Gingell*

# Il-Knisja tal-Lunzjata
# Ħaż-Żebbuġ



Il-faċċata tal-Knisja tal-Lunzjata

Din il-knisja tal-Lunzjata tinsab fit-triq prinċipali li tagħti għall-knisja parrokkjali u li tibqa' sejra sa ma' twasslek sal-belt kapitali l-antika, l-Imdina. Meta Mons. Dusina (Frar 1575) żar Ħaż-Żebbuġ fiż-żjara pastorali tiegħu, hu sab 22 knisja żgħira jew rurali barra l-knisja parrokkjali. Ħafna minnhom kienu fi stat ħażin u dilapidati u għalhekk iddekonsagrahom u għalaqhom. Illum għad fadal biss 13 minnhom u 10 huma ddedikati lill-Madonna taħt diversi titoli.

Il-knisja ta' żmien Dusina mhiex il-knisja tal-Lunzjata li naraw illum. Li ra Dusina kellha bibien tal-injam u barra altar maġġur, minghajr it-titular, kellha wkoll xi altari mal-ġnub tagħha. Dusina deherlu li ma kenitx fi stat tajjeb u ordna li ma jsirx aktar quddies fiha. L-isqof Garallo fl-1588, sab li l-knisja kellha wkoll pavimentar, titular u bibien tal-injam iżda ma jissakkrux. L-istess isqof fiż-żjara tiegħu fl-1594, jgħid li t-titular kien juri l-episodju tat-tħabbira tal-Anġlu u kien jitqiegħed fuq leġijju li fuqu kellu mpittrin it-tnax il-Appostlu. Kien hemm ukoll żewġ gandlieri, antependium tad-drapp li kien impitter u lampier li mid-dehra ma kienx jinxtegħel.

Id-devozzjoni lejn din il-knisja kienet żdiedet ħafna sal-1598 meta kien reġa' żarha l-isqof Gargallo fejn ġie rrappurtat li nhar il-festa il-kappillan tar-raħal kien imexxi purċissjoni sa lejn din il-knisja u wara l-ewwel vespri Giacomo Dingli, ipprovda ġarra nbid lil dawk preżenti għaċ-ċerimonja. Fl-1608 l-isqof Gargallo reġa' semma' l-purċissjoni u l-quddiesa ta' nhar il-festa.

Fiż-żjara pastorali tal-1615 l-Isqof Cagliares, sab li l-knisja kienet mgħammra b'kull ma kien jeħtieġ. L-altar kellu titular li kien juri l-Lunzjata kif ukoll gandlieri tal-injam. Il-ħitan kienu mbajdin u kien hemm għadd ta' bankijiet tal-ġebel ("*dukkiena*") fil-ġenb. Din il-knisja kienet ingħalqet fl-1658 waqt iż-żjara pastorali tal-Isqof Giovanni Balaguer Camarasa iżda xi fidili offrew li jieħdu ħsiebha u jsewwu l-ħsarat li kien fiha, tant li l-Isqof Luca Bueno tal-1667, sab li din kienet għadha tintuża taħt ċertu kundizzjonijiet marbutin magħha li kien għamel l-Isqof.



Il-Lunzjata li x'aktarx hu t-titular tal-knisja l-antika

Fiż-żewġ żjajjar pastorali li kien għamel l-Isqof Davide Cocco Palmieri fl-1693 u l-1699, jgħidilna lil-knisja reġgħet inbiet bejn dawn is-snin. Tlestiet fl-1696 u saż-żjara ta' Cocco Palmieri fl-1699 kienet għadha tintuża. Kien Dun Ġulju Zammit, in-neputi ta' Dun Martinu Zammit li kien ta l-bidu għal din il-knisja, bil-flus li kien wiret meta kien miet zijuh.

Iż-żjara tal-isqof Cocco Palmeri tal-1696 tagħtina deskrizzjoni preċiża u ddettaljata ta' din il-knisja f'dak il-perjodu. L-orjentazzjoni tal-knisja l-ġdida, kienet differenti minn dik ta' qabilha. Il-bieb prinċipali issa beda jħares lejn it-Tramuntana. Skont Cocco Palmieri, il-knisja kellha żewġ bibien oħrajn barra dak prinċipali, wieħed iħares lejn il-Lvant u l-ieħor lejn il-Punent. Illum il-bieb li jħares lejn il-Punent huwa mbarrat bil-ġebel. Il-knisja issa kellha koppla li fil-quċċata tagħha kien fiha lanterna bi twieqi tal-ħġieġ u b'salib żgħir tal-ġebel fuq il-quċċata. Fuq il-faċċata, Cocco Palmieri ddokumenta li kien hemm l-arma tal-aħwa Gorgio u Martinu Zammit iżda llum, minflok din l-arma, insibu l-istemma tal-Papa. Fuq kull naħa tal-altar kien hemm bieb li t-tnejn jagħtu għas-sagristija.

Il-knejjes tas-seklu 17, kienu ddisinjati bil–karatteristiċi uniċi tagħhom, imma kellhom ukoll ħafna similaritajiet bħalma huma t-twieqi fil-baxx fuq kull naħa tal-bieb prinċipali u l-elevazzjoni mill-art bi ftit tarġiet. Il-Lunzjata taqsam dawn il-karatteristiċi ma' knejjes oħra f'Ħaż-Żebbuġ li nbnew fl-istess epoka bħalma huma dawk Tal-Abbandunati u Tad-Dawl. Din il-knisja tal-Lunzjata hija l-unika knisja f'Ħaż-Żebbuġ li hija kompletament maqtuha mill-bini ta' madwarha. Ma nafux min iddisinjaha iżda wieħed ma jistgħax ma jinnotax xebħ qawwi mad-disinn tal-knisja tal-Assunta, magħrufa bħala Ta' Mamo, xogħol Lorenzo Gafà. Forsi imfassla minn Gafà innifsu, jew minn xi



Il-gallarija u koppla minn taħt



L-istemma tal-Papa

ħadd li kien jaf sew ix-xogħol ta' Gafà? Ninnutaw li l-knejjes tal-Lunzjata u ta' Mamo huma viċin xulxin f'Ħaż-Żebbuġ, u d-dati tal-bini tagħhom huma wkoll qrib. Gafà kien influwenti sew f'Ħaż-Żebbuġ tant li anke kien bena s-salib kommemorattiv li hemm quddiem il-knisja parrokkjali ta' San Filep.

Il-pjanta tal-Lunzjata hija waħda ottagonali, bi tmin naħat, u l-faċċata hija ddekorata b'kolonni imdaħħlin fil-ħitan fuq kull naħa tal-bieb prinċipali u jibqgħu sejrin hekk anke fil-faċċati tal-Lvant u tal-Punent. Dawn il-kolonni huma tal-ordni ġgantesk, għoljin żewġ sulari. Il-kapitali ta' dawn il-kolonni huma ta' stil kompost. Il-knisja għandha taqsim ċentralizzat, u hija msaqqfa b'koppla ovali li tidher biċċa minnha meta tħares lejn il-faċċata minn barra. Fuq il-bieb prinċipali hemm tieqa kwadra u fuqha nsibu l-istemma tal-Papa. Il-bieb hu mdawwar bi gwarniċ sempliċi rettangolari tal-ġebel, filwaqt li t-tieqa ta' fuqu hija mdawwra b'disinn sempliċi f'forma ta' skroll imnaqqax fil-ġebel. Il-bejt huwa mdawwar bi friż iddekorat u fuq il-faċċata prinċipali hemm pediment segmentali mifrud u mżejjen b'żewġ skrollijiet żgħar. Fuqu hemm salib tal-ġebel. Fil-kantunieri tal-faċċata prinċipali nsibu żewġt anġli tal-ġebel. Il-bqija tal-kantunieri huma mżejnin b'piramida f'forma ta' ġandra.

Il-bibien tal-ġnub, wieħed fuq kull naħa tal-bieb prinċipali, ukoll għandhom tieqa fuqhom. Il-faċċati tal-ġnub huma ddekorati ftit aktar mill-bieb prinċipali għax fuq il-bibien, għalkemm iżgħar minn dak prinċipali, għandhom pediment triangolari meta fuq il-bieb prinċipali m'hemmx. Anke t-twieqi tal-ġnub ukoll huma ddekorati ftit aktar minn dik ċentrali għax għandhom tundjaturi fil-kantunieri li jagħtu lit-twieqi xeħta ta' salib. Fuq wara fuq ix-xellug



Il-faċċata tal-Knisja tal-Lunzjata



L-altar maġġur u t-titular

insibu kampnar kemxejn għoli li għad fih xi qniepen.

Minn ġewwa, il-Lunzjata hija mżejna bi stil Barokk u mdawwra bi tmien kolonni mdaħħlin fil-ħajt iddekorati wkoll bil-kapitelli. Maż-żmien inbniet gallerija tal-injam għall-kor fuq il-bieb prinċipali. Il-kor ma kienx maħsub mill-bidu u huwa żieda li saret aktar tard. Il-kor għandu l-monogramma tal-Madonna mnaqqxa fuqu bi prominenza fuq il-panew ċentrali.

L-altar maġġur għandu fuqu t-titular, pittura li turi l-Lunzjata, xogħol ta' Stefano Erardi. Dan il-kwadru huwa mdawwar b'*rederos* b'imdaqqas, b'xi partijiet indurati bid-deheb, li juri disinji ta' skrolli varji u putti minquxin fil-ġebel. Fuqu hemm sopra-kwadru li juri lill-Missier Etern imdawwar bi gwarniċ tal-ġebel iddekorat, b'partijiet minnu ndurati bid-deheb ukoll, li jagħmel parti waħda mir-*rederos* tat-titular ta' taħtu. L-altar maġġur hu miksi bl-irħam u fuq kull naħa hemm bieb ċkejken b'pediment segmentali fuqu li jagħtu għas-sagristija. Fuq dawn il-bibien hemm żewġ pitturi mdaqqsin li juru lil San Martin, isqof ta' Tours fuq il-bieb tax-xellug u l-Papa Ġulju fuq il-bieb tal-lemin. Dawn il-kwadri huma mqiegħdin fi gwarniċ tal-injam imqiegħed fi gwarniċ tal-ġebel. Hemm ukoll altar sabiħ iddedikat lill-Madonna ta' Lourdes, li jmur lura għall-1876.




It-Tħabbira tal-Anġlu (1697)
*Stefano Erardi (1630-1716)*
*Kappella Il-Lunzjata - Żebbuġ*

Il-kwadru titolari tal-Lunzjata tpitter ċirka l-1690 u jixbaħ ħafna dak li Erardi stess kien pitter xi snin qabel, fl-1677, għall-kunvent tal-Karmelitani tal-Imdina. Dak tal-Imdina huwa artistikament aħjar minn dan tal-Lunzjata kemm fil-kompożizzjoni tiegħu kif ukoll fid-dettall għax juri pajesaġġ fl-isfond li jagħti perspettiva aktar fil-fond. Dak tal-knisja tal-Lunzjata jidher aktar ċatt f'dik li hija perspettiva u anke jidher statiku, bla moviment.

Xogħol ieħor ta' Erardi (ċirka 1690) hu dak ta' San Ġorġ, bilqiegħda, f'pożizzjoni mhux tas-soltu. Hemm ukoll pittura oħra ta' artist mhux magħruf ta' San Ġorġ, li juriħ qed joqtol id-dragun, li hija rappreżentazzjoni tal-qaddis aktar tradizzjonali. Fis-sagristija insibu pittura oħra ta' pittur mhux magħruf li turi lill-Lunzjata, x'aktarx li din kienet l-ewwel pittura titulari tal-knisja oriġinali. Dan iż-żewġ pitturi huma artistikament inferjuri għal dawk ta' Erardi. Iżda l-pittura li hemm fis-sopra-kwadru fuq it-titular u li turi lill-Missier Etern turi ċerta eleganza u hija raffinata, anke jekk ukoll ma nafux min pittirha. Il-kwadru ta' San Girgor Papa huwa wkoll xogħol ta Erardi


Pittura tal-Papa Ġulju fuq bieb li jagħti għas-sagristija

Fuq barra tal-knisja insibu għadd kbir ta' graffiti, ħafna minnhom mgħottija jew parzjalment moħbijin mit-tikħil tal-ħitan. Dawk li jidhru juru tipi differenti ta' bastimenti tal-Ordni ta' San Ġwann bħalma huma l-vaxxelli, it-tartani, il-galeri, il-brigantini u l-galejuni. Jinsabu l-aktar fuq kull naħa tal-bieb prinċipali tal-faċċata kif ukoll mal-ħajt tan-naħa tax-xellug tal-faċċata.


In-niċċa fil-kantuniera faċċata tal-knisja

In-niċċa fil-kantuniera faċċata tal-knisja turi x-xena tal-Lunzjata u wieħed jista' jispekula li din setgħet kienet li xprunat lin-nies tal-akwati biex jibnu l-knisja ddedikata lill-Lunzjata. Jidher li hija eqdem mill-knisja nnifisha għax hija mikula aktar mill-elementi mil-ħitan tal-knisja u l-anġli li hemm fuq il-bejt tal-knisja. In-niċċa turi lill-Madonna, għarkobtejha fuq ġinokjatur, tisma' lill-Anġlu jħabbrilha li ser issir omm Alla. Din ix-xena insab f'arzella u turi wkoll il-ħamiema, is-simbolu tal-Ispirtu s-Santu.

*Din l-informazzjoni hi meħuda mill-kitba ta' Julian Brincat, Bernard Bugeja, Norbert Crockford u Dorianne Pellicano, li kien ippubblikat fuq **www.kappellimaltin.com.** Dawn l-istudenti studenti kienu mid-Dipartiment tal-Istorja tal-Arti u tal-Fakultà tal-Ambjent Mibni tal-Università ta' Malta.*

*Aktar informazzjoni dedttakjata tistgħu taqrawha mill-ktieb* ***Id-Devozzjozzjoni u l-Kult Marjan fir-Reġjun ta' Nofsinhar*** *Maħruġ mir-Reġjun ta' Nofsinhar, 2019*
*Kitba ta' Max Farrugia*
*Ritratti: N Gingell*